## Rikors imressaq fis-17 ta' Lulju 2007 — Las Marismas de Lebrija vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni

**(Kawża T-260/07)**

(2007/C 211/98)

*Lingwa tal-kawża:L-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Las Marismas de Lebrija, S. Coop. And. (Sevilla, Spanja) (Rappreżentant: L. Ortiz Blanco, avukat)

*Konvenuti:* Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

— tilqa' dan ir-rikors għal kumpens tad-dannu, skond l-Artikolu 288 KE, billi tiddikjara d-dritt tar-rikorrenti għal kumpens, min-naħa tal-Kunsill u tal-Kummissjoni *in solidum*, ta' somma totali ta' EUR 1 575 122;

— tordna lill-istituzzjonijiet konvenuti jbatu l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u argumenti prinċipali huma l-istess li tressqu fil-kawża T-217/07, Las Palmeras vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni vs Banca di Roma

**(Kawża T-261/07)**

(2007/C 211/99)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Colabianchi, avvocato, F. Amato u M. Wilderspin, aġenti)

*Konvenuta:* Banca di Roma SpA

### Talbiet tar-rikorrenti

— tordna lil Banca di Roma SpA, stabbilita fl-Italja, Ruma (00144), Viale Umberto Tupini Nru. 180, fil-persuna tar-rappreżentant legali preżenti tagħha, teżegwixxi l-garanzija bankarja tat-28.10.1989 favur il-Kummissjoni Ewropea;

— tordna lil Banca di Roma SpA, legalment stabbilita fl-Italja, Ruma (00144), Viale Umberto Tupini Nru. 180, fil-persuna tar-rappreżentant legali preżenti tagħha, tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, stabbilita fil-Belġju, Brussell (1039), Rue de la Loi Nru. 200, is-somma ta' EUR 412 607.41, kif ukoll interessi ta' EUR 94.37 għal kull ġurnata mit-30 ta' Diċembru 2006 sad-data meta jsir il-ħlas, jew dik is-somma li tiġi stabbilita mill-Qorti;

— tordna lil Banca di Roma SpA, legalment stabbilita fl-Italja, Ruma (00144), Viale Umberto Tupini Nru. 180, fil-persuna tar-rappreżentant legali preżenti tagħha, tbati l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċedimenti inklużi dawk tal-Kummissjoni.

### Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors qed isir skond l-Artikolu 238 tat-Trattat KE abbażi tal-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab fil-garanzija tat-28 ta' Ottubru 1989 maħruġa mill-Banco di Roma (illum imsejjaħ Banca di Roma) favur il-Kummissjoni.

B'deċiżjoni C(89) 1241 tat-2 ta' Awwissu 1989 (1) il-Kummissjoni kienet imponiet multi fil-konfront ta' erbatax-il produttur ta' materjali wweldjati, fosthom Ferriere Nord S.p.A., talli ħadu sehem fi ftehim u prattiċi miftehma bi ksur ta' l-Artikolu 85(1) (illum l-Artikolu 81(1)) tat-Trattat KE; fir-rigward ta' Ferriere Nord ġiet imposta multa ta' EUR 320 000.

Skond l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni, il-multa kellha titħallas minn Ferriere Nord fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni stess, bl-eċċezzjoni li Ferriere Nord setgħet tipprovdi garanzija bankarja li tkun tkopri d-dejn kollu tal-kapital bl-interessi.

B'ittra rreġistrata tat-30 ta' Ottubru 1989, li waslet fis-7 ta' Novembru 1989, Ferriere Nord bagħtet lill-Kummissjoni ittra tas-26 ta' Ottubru 1989 li permezz tagħha il-Banco di Roma (illum imsejjaħ Banca di Roma) — Sussidjarja ta' Udine, l-Italja, iddikjara lill-Kummissjoni li kien qiegħed joqgħod bħala garanti tal-ħlas ta' Ferriere Nord kemm tal-multa ta' EUR 320 000 kif ukoll ta' l-interessi, ikkalkulati li jibdew mill-15 ta' Novembru 1989 sad-data tal-ħlas effettiv.

Fis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006 mogħtija fil-kawża T-153/04 (2), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat il-preskrizzjoni, skond l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 2988/74, tas-"setgħa tal-Kummissjoni li tinforza d-deċiżjoni" Materjali wweldjati (punti 53 u 58 tas-sentenza T-153/04).

Madankollu, skond ir-rikorrenti, din is-sentenza m'għandha l-ebda effett fuq il-garanzija mogħtija mill-Banca di Roma peress li, minħabba l-awtonomija ta' l-imsemmija garanzija, skond id-dritt Taljan (li huwa d-dritt applikabbli f'dan il-każ), il-Banca di Roma hija marbuta teżegwixxi l-garanzija fuq sempliċi talba mill-Kummissjoni, mingħajr ma tista' topponi lil din ta' l-aħħar ebda waħda mill-eċċezzjonijiet eventwalment opponibbli minn Ferriere Nord.

(1) ĠU L 260 1989, p. 1.
(2) Li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2007 — Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-262/07)**

(2007/C 211/100)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriaučiūnas u E. Matulionytė)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Mejju 2007 [notifikata taħt in-numru C(2007)1979] (1); u sussidjarjament tannulla l-imsemmija deċiżjoni safejn ir-Repubblika tal-Litwanja hija d-destinatarja tagħha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Id-deċiżjoni kkontestata tistabilixxi l-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli f'ċirkolazzjoni ħielsa fit-territorju ta' l-Istati Membri ġodda fid-data ta' l-adeżjoni u li jaqbżu l-kwantitajiet li setgħu jiġu kkunsidrati bħala livell normali ta' stokk fl-1 ta' Mejju 2004 u l-ammonti li għalihom huma responsabbli l-Istati Membri ġodda sabiex ikopru l-ispejjeż ta' l-eliminazzjoni ta' dawn il-kwantitajiet.

Ir-rikorrenti tqis li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali. Hija tinvoka erba' motivi in sostenn tar-rikors tagħha.

1. Nuqqas ta' kompetenza.

Ir-rikorrenti tqis li l-paragrafu 4 tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness IV l-Att ta' l-Adeżjoni ma jagħtix lill-Kummissjoni l-kompetenza sabiex timponi fuq l-Istati Membri ħlasijiet lill-baġit Komunitarju li jkollhom natura penali, b'mod partikolari jekk hija ma tkunx ippruvat ir-realtà ta' l-ispejjeż sostnuti mill-Komunità sabiex telimina l-istokk żejjed; barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ħalliet it-terminu ta' tliet snin iffissat mill-Artikolu 41 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jiskadi qabel ħadet deċiżjoni taħt dan l-istess artikolu, li huwa l-unika dispożizzjoni li tista' tipprovdi bażi legali għad-deċiżjoni in kwistjoni.

2. Ksur tad-dritt Komunitarju

*Ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali*: id-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali, peress li l-metodi u l-kriterji tal-kalkolu ta' l-istokk ma kinux magħrufa fiż-żmien ta' l-adeżjoni, jiġifieri fil-mument li kellu jiġi ddeterminat l-istokk eżistenti, għarfien dan li permezz tiegħu l-Istati Membri kienu jkunu jistgħu jevitaw li jinħoloq stokk żejjed jew jeliminaw dan l-istokk bi spejjeż ta' l-operatur li jkun ħoloq dan l-istokk żejjed. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata stabbilixxiet ukoll kriterji oħra u estendiet il-lista tal-prodotti kkonċernati meta mqabbla ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1972/2003, li bis-saħħa tiegħu l-Istati jeżerċitaw kontroll fuq il-kostituzzjoni ta' l-istokk żejjed.

*Ksur tal-prinċipju ta' non diskriminazzjoni*: b'mod differenti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 144/97 dwar id-determinazzjoni ta' stokkijiet żejda ta' prodotti agrikoli fl-Awstrija, fl-Iżvezja jew fil-Finlandja, id-deċiżjoni kkontestata tevalwa mhux biss il-prodotti li jibbenifikaw minn rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew minn miżuri ta' intervent, iżda wkoll l-istokkijiet ta' prodotti oħra. L-imsemmi prinċipju ġie miksur ukoll billi s-sitwazzjonijiet differenti ta' l-Istati Membri ġodda ġew ittratti bl-istess mod u billi ċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom inħolqu dawn l-istokkijiet ma ttieħdux in kunsiderazzjoni mingħajr ġustifikazzjoni.

*Ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tat-trasparenza*: id-deċiżjoni kkontestata ma tesponix b'mod eżawrjenti l-kriterji tal-kalkolu tal-pagamenti, kriterji li, barra minn hekk, jinbidlu b'mod kontinwu. Barra minn hekk, minkejja li l-Istati Membri kienu evalwaw huma stess l-istokk skond il-liġi Komunitarja, il-Kummissjoni, mingħajr ma indikat b'liema mod din l-evalwazzjoni ma kinitx eżatta u mingħajr ma kkontestatha, ipproċediet għal evalwazzjoni ġdida ta' l-istess stokk billi applikat il-kriterji tagħha.

*Ksur tal-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-Adeżjoni*: fl-ewwel lok, id-deċiżjoni mhijiex adattata għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' l-eliminazzjoni ta' l-istokk żejjed prevista fil-paragrafu 2 tal-Kapitolu 4 ta' l-Anness IV ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, b'mod partikolari minħabba l-fatt li lanqas biss sar attentat f'din id-deċiżjoni li l-multi imposti jintrabtu ma' l-ispejjeż ta' l-eliminazzjoni ta' l-istokk verament sostnuti mill-Komunità. Fit-tieni lok, id-deċiżjoni ġiet adottata meta kien diġà skada t-terminu ta' tliet snin mid-data ta' l-adeżjoni previst fl-Artikolu 41 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, li fih il-Kummissjoni setgħet tieħu miżuri tranżitorji.

3. Nuqqas ta' motivazzjoni

Skond ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata mhijiex debitament motivata, jew hija totalment nieqsa minn motivazzjoni; b'mod partikolari, f'din l-istess deċiżjoni mhuwiex indikat li (u sa liema livell) il-Komunità kienet effettivament sostniet xi spejjeż minħabba l-eliminazzjoni ta' l-istokk żejjed in kwistjoni, spejjeż li l-Istati Membri għandhom ikopru.